MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 97/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Spiteri,** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben John u Karolina neé Said, imwieled nhar il-11 ta' Mejju 1990, joqghod fil-fond numru 33, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19690(G),

akkuzat talli nhar it-18 ta' Settembru 2011 u fil-granet u ta' qabel gewwa n-Nadur, Ghawdex u f'diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. zamm xi ghasfur u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huwa projbit taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasafur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikunu jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kinux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

3. ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II, u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

4. ikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioé Baghdan Ahmar Circus

aeruginosus, u dan bi ksur ta' Regolament 5(3)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. waqt l-istagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fl-Iskeda II, u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus, u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(b) ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar it-13 ta' Novembru 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra;

8. kiser ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema ordni giet moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar l-4 ta' Dicembru 2008.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 14 ta' l-A.L. 39 ta' 2007, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-licenza jew tal-permess mahrug taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C" – *a fol.* 13).

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' April 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 70 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 19 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tal-informazzjoni anonima li l-Pulizija ta' l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex ircevew rigward attivita' ta' kacca illegali fl-*area* tar-Ramla. Spjega minn mar fuq il-post in kwistjoni u li hu kien gie nfurmat li kien gie

arrestat l-imputat u li kienu gew elevati s-segwenti: *satchel* (Dok. "FT 1" – *a fol.* 4 u 21), arma tan-nar tal-ghamla Benelli (Dok. "FT 2" – *a fol.* 4 u 21) u *pouch* (bi skartocc go fih u sustanza kannella suspettata *cannabis*) (Dok. "FT 3" – *a fol.* 4 u 21). Jghid li meta kellem lill-imputat, l-imputat ammetta li l-oggetti li gew elevati kienu tieghu. Jghid ukoll li l-imputat ammetta li kien spara fuq it-tajra in kwistjoni u li l-blokka suspettata *cannabis* kienet fil-fatt *cannabis*. Ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. "FT 4" (*a fol.* 22 u 23). Jghid li sar kuntatt ma' Gilbert Haber (tal-MEPA) li gie mghoddi t-tajra li allegatament instabet fil-pussess tal-imputat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li, in segwitu ta' dak li gara fit-18 ta' Settembru 2011 fir-Ramla, Nadur, huwa hejja l-okkorrenza, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 27 *et seq.*). B'zieda mal-kontenut tal-okkorrenza, qal li fil-*pouch* l-iswed kien hemm sustanza suspettata li kienet *cannabis*. Jghid li giet elevata arma Benelli minn fuq il-post u li f'*satchel* kien hemm tajra. Jghid li hekk kif hu (PS 676 Spiteri) kien qed jiftah is-*satchel* u ra t-tajra, l-imputat qallu li s-*satchel* u l-*pouch* kienu tieghu. Jghid li lill-imputat qallu li kien qed jaghtih id-dritt ta' avukat u li ma kien hemm ghalfejn jghidlu xejn aktar.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-imputat ammetta li t-tajra kienet tieghu. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li qabel dan il-mument l-imputat ma kellux l-opportunita' li jkellem avukat, wiegeb: "*Jien kif tlajt imxarrab bl-gharaq minn mas-sies bil-basket u l-affarijiet f'idejja, niftah il-basket hemmhekk ha nara x'fih, u sibt it-tajra, qalli, dawk tieghi. Ghidtlu tghidli xejn, ghidtlu jiena ghandek id-dritt tal-avukat, ghidtlu issa nkomplu nithaddtu l-ghassa*" (*a fol.* 26). Jghid li hu (Spiteri) ma kienx wahdu u jispjega min kien hemm mieghu.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Settembru 2011 ghal habta tal-10.30am gew infurmati mill-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex li kien hemm xi hadd qed jispara fuq xi tajr protett fl-inhawi tal-Qortin tar-Ramla, Nadur. Jghid li PC 1384 u hu marru fuq il-post u nnutaw lill-imputat fit-tarf fejn is-sies, huma marru fuqu u kif kienu qed ikellmuh innota li tahtu, fuq blata, kien hemm *satchel* (Dok. "FT 1") u *pouch* (Dok. "FT 3"). Jghid li fuq il-post mar ukoll PS 676 Spiteri. Jispjega li hekk kif PS 676 Spiteri fetah is-*satchel*, kien hemm tajra tal-priza suspettata li kienet baghdan u li fil-*pouch* nstabet bicca kannella suspettata *cannabis*. Jghid li PS 676 informa lill-imputat li kien arrestat u tah id-drittijiet legali tieghu. Jghid li l-imputat kien ammetta illi l-affarijiet in kwistjoni kienu tieghu u li kien remihom hu stess. Jghid li magenb l-imputat kien hemm l-arma (Dok. "FT 2").

In <u>kontro-ezami</u> jghid li sakemm l-imputat gie nfurmat li hu kien arrestat, l-imputat fl-ebda mument ma qalilhom li t-tajra in kwistjoni kienet tieghu jew li kien spara ghaliha hu.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 33 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 138 Joseph Portelli. Jghid li hekk kif appena PS 676 fetah is-*satchel* (Dok. "FT 1"), PS 676 Spiteri ta t-twissija lill-imputat u d-dritt tal-avukat. Jghid li l-imputat stqarr li l-kontenut kien tieghu. Jghid li go s-*satchel* kien hemm tajra suspettata li hi protetta. Jixhed li kien hemm ukoll *pouch* (Dok. "FT 3") f'liema *pouch* kien hemm bicca blokka suspettata li hija raza tal-*cannabis*. Jghid li gie elevat *bird-caller* u xi skartocc. Gharaf ukoll l-arma (Dok. "FT 2"). Jghid li l-*pouch* instab vicin is-*satchel*.

In kontro-ezami jikkonferma li sema' lil PS 676 jaghti t-twissija lill-imputat waqt li kien qed jiftah is-*satchel*. Meta gie suggeriet lilu li PS 676 ta t-twissija lill-imputat wara li fetah is-*satchel*, wiegeb: *"Kif appena qed jiftah il-dan"* (*a fol.* 34). Jghid ukoll: *"hu qal illi l-basket huwa tieghu kif dak il-hin kif tellghu l-basket, imbaghad x'hin kien qed jifthu s-surgent kien tah il-warning u l-caution u li jikkonsulta d-dritt mal-avukat tieghu"* (*a fol.* 34).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehdet ukoll **WPC 100 Lorraine Grech** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn xehdet fuq il-licenzji rigward armi tan-nar li ghandu f'ismu l-imputat. Id-dokumentazzjoni li xehdet fuqha giet immarkata bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 37 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Gilbert Haber** (*Environment Protection Officer* – MEPA – *a fol.* 41 *et seq.*) fejn qal li fit-18 ta' Settembru 2011 wara nofsinhar kien gie mitlub mill-Pulizija tad-distrett ta' Ghawdex biex jezamina ghasfur li kien gie elevat wara investigazzjoni partikolari. Jghid li dakinhar stess mar l-Ghassa tal-Pulizija fejn ezamina l-ghasfur li kien gie ndikat lilu mill-Ufficjal Prosekutur Tabone bhala dak li kien gie elevat minn l-imputat dakinhar stess fil-limiti tan-Nadur. L-ghasfur gie prezentat formalment (Dok. "GH 1" – *a fol.* 43) u l-ezemplari gie mmarkat bhala Dok. "GH 2" (*a fol.* 44). Jghid li dan l-ghasfur kien tajra tal-priza – baghdan. Jghid li mill-ezami li ghamel irrizulta li dan l-ghasfur kellu hsara fir-rix tieghu li kienet konsistenti ma' dak tac-comb meta jigi sparat lejh b'xi *projectile* jew comb li jghaddi minn gor-rix. Jghid li mill-ezami li ghamel b'ghajnejh seta' jikkonstata li l-ghasfur kien ilu mejjet tal-inqas sitt (6) sieghat pero ma kienx ilu mejjet aktar minn erbgha u ghoxrin (24) siegha. Ezebixxa r-ritratti tal-ghasfur li

gew mehuda, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "GH 3" (*a fol.* 45 u 46). Jghid li l-ezemplari koncernat huwa mnizzel fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u li ghaldaqstant huwa mhares b'mod strett. Jghid li l-ezemplari kien gie elevat mill-Pulizija.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2014, xehed l-i**Spizjar Godwin Sammut** (*a fol.* 50) in segwitu tan-nomina lilu moghtija mill-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 4 *et seq.*). Huwa ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 51 *et seq.*), f'liema rapport gie konkluz hekk:

> *"Illi fuq estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 026_14_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz tas-sustanza kien ta' 2.69 grammi u l-purità kienet ta' cirka 6.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjana tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 55).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet diversi: il-maggior parti minnhom jirrigwardaw kacca, wahda tirrigwarda pussess semplici ta' droga, ohra tirrigwarda recidiva u l-ahhar wahda tirrigwarda ksur ta' ordni taht Artikolu 22 tal-Kapitilu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha l-ewwel tikkunsidra l-argument tad-difiza msemmi fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 70 u 71) fis-sens illi, skond id-difiza, dak li l-imputat

allegatament qal fil-mument li huwa gie misjub mill-Pulizija fuq il-post m'ghandux jitqies bhala ammissjoni.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- PS 676 Edelon Spiteri (*a fol.* 24 *et seq.*) jixhed li l-imputat qallu li s-*satchel* u l-*pouch* elevati kienu tieghu hekk kif hu (PS 676 Spiteri) kien qed jiftah is-*satchel* u ra t-tajra. Jghid li lill-imputat qallu li kien qed jaghtih id-dritt ta' avukat u li ma kien hemm ghalfejn jghidlu xejn aktar.

- PC 138 Joseph Portelli (*a fol.* 30 *et seq.*) jixhed li hekk kif PS 676 Spiteri fetah is-*satchel*, kien hemm tajra tal-priza suspettata li kienet baghdan u fil-*pouch* nstabet bicca kannella suspettata *cannabis*. Jghid li PS 676 informa lill-imputat li kien arrestat u tah id-drittijiet legali tieghu. Jghid li l-imputat kien ammetta illi l-affarijiet in kwistjoni kienu tieghu u li kien remihom hu stess.

- PC 1384 Felix Sammut (*a fol.* 33 *et seq.*) jixhed li kif appena PS 676 Spiteri fetah is-*satchel*, PS 676 ta t-twissija lill-imputat u d-dritt tal-avukat. Huwa jikkonferma li sema' lil PS 676 jaghti t-twissija lill-imputat waqt li kien qed jiftah is-*satchel*.

Illi, minn dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li qabel l-imputat kien gie arrestat, l-imputat kien gie moghti d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat. Kieku, ghall-grazzja tal-argument biss, dan kollu kellu jigi skartat, il-Qorti xorta wahda tinnota s-segwenti:

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone (*a fol.* 19 *et seq.*) jixhed li meta hu kellem lill-imputat, l-imputat ammetta li l-oggetti li gew elevati kienu tieghu, li

huwa kien spara fuq it-tajra in kwistjoni u li l-blokka suspettata *cannabis* kienet fil-fatt *cannabis*.

- Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "FT 4" – *a fol.* 22 u 23), l-imputat ha d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u b'hekk il-Qorti tista' tigbed l-inferenzi necessarji. Fl-istqarrija, l-imputat kkonferma li l-Pulizija kienet elevat senter tal-kacca minn ghandu. Ghall-bqija tad-domandi li sarulu, l-imputat jew wiegeb li ma kienx jaf jew ghazel li ma jwegibx ghajr ghad-domanda jekk kienx wahdu fil-hin li gie arrestat mill-Pulizija, ghal-liema domanda l-imputat wiegeb fin-negattiv.

A bazi ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandha l-ebda problema li tikkunsidra dak li l-imputat qal lill-Pulizija meta accedew fuq il-post in kwistjoni u dak li huwa qal lill-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tqies lill-imputat bhala persuna vulnerabbli u dana peress li fid-data tal-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri huwa kellu l-età ta' wiehed u ghoxrin (21) sena u mill-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 11) l-imputat kien diga gie kkundannat darbtejn fis-sena 2008 ta' reati diversi maghmula minnu.

Illi l-Qorti ser issa taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1), It-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni**

**(Imputazzjonijiet relatati ma' kacca)**:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-ghasfur li ssir riferenza ghalih f'dawn l-imputazzjonijiet huwa Baghdan Ahmar circus aeruginosus li jaqa' taht Skeda I tal-Legislazzjoni Sussidjarja

504.71 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li fis-*satchel* tal-imputat kien hemm dan l-ghasfur in kwistjoni, li jirrizulta li kien ilu mejjet tal-inqas sitt (6) sieghat pero ma kienx ilu mejjet aktar minn erbgha u ghoxrin (24) siegha. Dan jixhdu Gilbert Haber. Il-Qorti tinnota li apparti s-*satchel*, giet elevata arma tan-nar tal-ghamla Benelli u kif ukoll *pouch*. Dan kollu, inkluz dak kollu li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, iwassal ghall-konkluzjoni wahda u cioé li t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom. Fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, dawn ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Imputazzjoni relatata ma' Pussess ta' Droga)</u>:**

Illi jirrizulta li fil-*pouch* li gie elevat kien hemm skartocc u sustanza kannella suspettata *cannabis*. Rigward din is-sustanza, l-iSpizjar Godwin Sammut ikkonkluda li din effettivament kellha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li tigi mill-pjanta *cannabis*. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet generali li saru aktar il-fuq u tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-*pouch* in kwistjoni kien tal-imputat (l-imputat stess ammetta dan), il-Qorti jirrizultalha li din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Recidiva)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv b'sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2008. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' din is-sentenza

(Dok. "D" – *a fol.* 14 u 15) minn liema sentenza jirrizulta li l-konnottati tal-persuna kontra min inghatat huma l-istess konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna, ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex dubju li din is-sentenza giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Tenut kont ta' dan, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfactentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jitqies li huwa recidiv.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Ksur ta' Ordni taht Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2008, vera kopja ta' liema sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 16 u 17). Bhal fil-kaz tas-seba' (7) imputazzjoni, f'din is-sentenza jirrizultaw il-konnottati tal-persuna kontra min inghatat liema konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. B'hekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jinstab hati ta' imputazzjonijiet immarkati bin-numri tlieta (3) sa sebgha (7), m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigu misjub hati wkoll tat-tmien (8) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfactentement pruvati huma s-segwenti: it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), u t-tmien (8) imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u li gew pruvati u dana b'mod specjali wara li l-Qorti kif preseduta taghraf li din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat deher quddiemha u gie sentenzjat u din il-Qorti taghraf il-problemi tal-imputat. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha timponi terminu ta' prigunerija effettiv jew sospiz fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tifhem li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh biex jimxi fit-triq it-tajba u tawgura li jsir hekk.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 11 *et seq.*), il-fatt li l-imputat huwa recidiv, u kif ukoll il-fatt li l-imputat kiser ordni taht Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat ghandu jitqies fortunat illi r-reati rigward il-kacca mwettqa minnu saru meta l-ligi f'dan ir-rigward kienet ghadha ma gietx emendata bil-konsegwenza li issa hemm pieni ferm u ferm aktar horox minn dawk li kienu jezistu fiz-zmien li l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni. Fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, il-Qorti ser titratta mal-imputat ghar-reati li gie misjub hati taghhom fl-4 ta' Dicembru 2008 (Dok. "E" – *a fol.* 16 u 17) u filwaqt li fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u kif ukoll tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati l-Qorti ser tghaddi biex tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva, u dana apparti provvedimenti ohra li ghandhom jigu applikati skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Regolamenti 5(1), 5(3)(a), 18(1)(b), 12(1) u Skeda II tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, Artikoli 17(h), 18, 49, 50, 261(c), 261(d), 261(f), 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Joseph Spiteri hati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u filwaqt li fir-rigward tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€ 1000.00), fir-rigward tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet, billi l-Qorti Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph Spiteri taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Spiteri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph Spiteri.

Il-Qorti, wara li rat li l-ghasfur in kwistjoni huwa nkluz f'Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tan-nar tal-ghamla Benelli (Dok. "FT 2" – *a fol.* 4 u 21), tal-iskartocc li nstab gol-*pouch* (Dok. "FT 3" – *a fol.* 4 u 21) u kif ukoll tal-ghasfur in kwistjoni (Dok. "GH 1" – *a fol.* 43).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-

somma ta′ mija u hamsa u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€155.47).[1]

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dok. “GS 1” (*a fol.* 55 *tergo* u 61 *tergo*).